KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 23 – Il-ĠIMGĦA 28 TA' AWWISSU 2020**

Il-Kunsill reġa ltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier (assenti b'apoloġija) |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**23.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

23.1.1 L-Itta ta' apoloġija mingħand is-Sur Emanuel Zammit ġiet aċċettata *nem con*.

**23.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

23.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (22) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

23.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 23.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

23.3.1 Ma kienx hemm.

## 23.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

23.4.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li l-Kunsill kien irċieva Direttiva nru. 4/2020 dwar l-użu tal-internet banking. Spjega li sallum, il-Kunsilli setgħu jużaw l-internet banking b'ċertu restrizzjonijiet. Hekk kif il-Banek Kummerċjali qed jaġġornaw is-sistemi tagħhom bil-konsegwenza li qed jiġu mposti ċertu restrizzjonijiet, il-Kunsilli qed jiġu mħeġġa sabiex jaġġornaw maż-żminijiet tal-lum biex jitnaqqas il-cash jew cheques u jintużaw aktar mezzi diġitali jew online. Kompla billi qal li dawn is-sistemi għandhom jintużaw b'kawtela u mingħajr ma jkun ta' detriment għaċ-ċittadin li ma jistax jagħmel użu minn dan is-servizz. F'dan is-sens, is-Sindku qal li permezz ta' dan il-komunikat ser tkun possibbli li l-Kunsill juża l-internet banking għal kull tranżazzjoni li ssir mill-Kunsill. Sintendi biex iseħħ dan irid ikun assigurat li jkun hemm dejjem livell massimu ta' sigurtà.

In vista ta' dan, kull ordni ta' ħlas jew ordni ta' trasferiment li jsir bl-użu tal-internet banking, l-awtorizazzjoni tas-Sindku hija meħtieġa. Għaldaqstant is-Sindku irid ikollu *secure key* biex wara l-approvazzjoni tal-Kunsill, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jawtorizzaw it-trasferimenti. Żied jgħid li s-Segretarju Eżekuttiv jista jagħti l-awtorizazzjoni lill-impjegati tal-Kunsill sabiex jippreparaw it-tranżazzjonijiet biex jiġu approvati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Dan għandu jsir wara li tingħata struzzjoni lill-Bank Kummerċjali sabiex jiġi ikkrejat 'end user' ieħor.

22.4.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras irrelata dwar il-proġett li għaddej fi Sqaq Giarda k/m Triq Għargħur taħt il-miżura 4.4 Programm ta' Żvilupp Rurali 2014-2020 proġett li huwa parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

Il-proġett tal-ħitan tas-sejjieħ qabad ritmu tajjeb u x-xogħol qed isir minn kuntrattur kompetenti fejn ir-rikostruzzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ qed isir skont is-sengħa u l-arti. Aktar żviluppi dwar dan il-proġett se jingħataw fis-seduti li jmiss tal-Kunsill.

23.4.3 Is-Sindku Dr. Sciberras informa li l-proġett ta' Triq il-Wied miexi b'ritmu tajjeb għalkemm hemm ħafna xogħol x'isir.

Fil-frattemp, is-Sindku nforma li kellu laqgħa mall-Perit ta' Infrastructure Malta dwar id-disinn tat-triq minħabba tibdil fil-kunċett. Jidher evidenti li l-Perit qed tagħti prijorità assoluta lill-vettura bl-inklużjoni ta' *parking slots*.

Is-Sindku fakkar li wara li l-istess Kunsill kien ikkonsulta mar-residenti ta' Triq il-Wied, kien hemm pożizzjoni komuni li l-ideja li ssir estensjoni tal-bankini bil-ħsieb li tingħata prijorità lill-*pedestrian* u anke jitħawlu siġar adatti fejn hu possibbli u fl-istess waqt jiġu ridotti l-karreġġjati biex jispiċċa s-sewqan irresponsabbli f'din it-triq jidher li ma niżlitx tajjeb mad-*Design section* ta' Infrastructure Malta.

F'dan is-sens, il-Perit tal-Kunsill kien direzzjonat sabiex jimmodifika d-disinn. Kien ukoll diskuss l-implimentazzjoni tal-Bus Shelters fi Triq il-Wied biex ikunu integrati f'dan il-proġett. Is-Sindku kompla billi qal li l-Perit tal-Kunsill kien qiegħed f'kuntatt mall-kumpannija FACES biex jikkordina u jsir l-ippjanar meħtieġ. Is-Sindku semma wkoll il-ħsieb li jiġu mplimentati l-*pelican lights* fi Triq il-Wied li ġew inkorporati fid-disinn biex it-triq tkun attrezzata anke b'miżuri ta' sigurtà għall-benefiċċju tar-residenti u l-pubbliku inġenerali. Kienet diskussa wkoll il-proposta li jsir *soft landscaping* fil-parti t'isfel fl-ispazju miftuħ ta' Triq il-Wied km Triq l-Awrikarja. Jidher li din il-proposta kienet aċċettata mis-sezzjoni tad-Disinn ta' Infrastructure Malta però kellha ssir sottomissjoni tad-disinn lill-Bord għall-approvazzjoni.

Is-Sindku kompla billi qal li l-Kuntrattur kien għaddej bix-xogħol tal-*istorm water culvert*, implimentazzjoni utli għal din it-triq minħabba l-volum ta' ilmijiet li jinżel minn dan il-wied fil-maltemp. L-insistenza u l-pressjoni li għamel il-Kunsill ma' Infrastructure Malta biex jiġi mplimentat l-*istorm water culvert* huwa mertu ta' dan il-Kunsill. Sintendi hemm il-fattur tad-dewmien però dan huwa investiment li ser igawdi minnu primarjament ir-residenti li jirrisjedu fi Triq il-Wied. Fil-preżent, il-parti ta' fuq li tmiss man-Naxxar, tinsab magħluqa temporanjament minħabba l-istess xogħlijiet.

F'dan il-punt kruċjali, il-Kunsill qed jipprova jindirizza kull ilment li jidħol l-Uffiċċju biex nimminimizzaw l-inkonvenjenzi li proġett ta' din ix-xorta jġib miegħu.  Aktar żviluppi jingħataw fis-seduti segwenti.

23.4.4 Is-Sindku Dr. Sciberras informa li kellu laqgħa mas-Superintendent tal-Pulizija u s-Surġenta dwar *issues* varji fl-Iklin. Informa li l-Pulizija kienu qed jagħmlu l-istħarriġ tagħhom dwar l-atti ta' vandaliżmu li seħħew fi żmien riċenti u anke kienet diskussa l-*issue* dwar l-akkumulu ta' skart li hemm f'għalqa fi Triq Dr. Pawlu Grech.  Is-Sindku spjega li l-Kunsill reġa talab lill-Awtorità tal-Artijiet biex jagħti l-permess lill-Kunsill biex ikun jista jaċċessa l-għalqa biex fl-eventwalità li l-Kunsill jiddeċiedi li jnaddaf din l-għalqa, il-Kunsill ikun ottjena l-permessi neċessarji mingħand l-Awtorità regolatorja.  Is-Sindku ikkonkluda li jekk il-Kunsill jiddeċiedi li titnaddaf din l-għalqa a spejjeż tal-Kunsill, se jkun qed jinnegozja mal-Awtorità tal-Artijiet biex jittella ċint biex din l-għalqa ma terġax tispiċċa *dumping site*.

23.4.5 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien f'diskussjonijiet ma' sid ta' negozju fl-Iklin dwar inizzjattiva ambjentali biex il-Kunsill jipprovdi kontenitur tal-plastik lill-komunità tal-Iklin biex ir-resident ikun jista jiddisponi mill-ħġieġ f'kontenitur adatt kull l-ewwel u t-tielet ġimgħa tax-xhar.  Is-Sindku qal li wara li WasteServ Malta ħarġet struzzjonijiet dwar kif għandek tiddisponi mir-riċiklar tal-ħġieġ mill-1 ta' Settembru 'l quddiem, iħoss li l-Kunsill għandu jkompli jsaħħaħ ir-reputazzjoni tajba li għandu l-Kunsill dwar is-servizzi li jipprovdi lill-komunità u jinvesti f'inizjattiva oħra ambjentali għall-ġid komuni tal-komunità. Aktar dettalji jingħataw fis-seduti segwenti.

## 23.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

23.5.1 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa jekk il-Kuntratturi li qed itellgħu blokki residenzjali fi Triq Karmenu Vassallo hux qed japplikaw għall-permessi neċessarji għal depożitu ta' skips industrijali u makkinarju goff.

23.5.2 Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li skont l-Avviż Legali, applikant irid jottjeni permess għal depożitu ta' makkinarju goff.

23.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ser jinforma lill-Aġenzija LESA biex tispezzjona s-siti ta' kostruzzjoni.

## 23.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

23.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn il-31 ta'Lulju u s-27 ta' Awwissu 2020 kif jidher fid-dokumenti A u B.

23.6.2 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 1565/20. *Live Streaming on demand*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li s-seduti tal-Kunsill qed jiġu *recorded*. Dan il-portal jippermetti li kull ċittadin ikun jista jara s-seduti tal-laqgħat live jew *on demand*.

**COMPLAINTS SHEET ( 31 July 2020 - 27 August 2020)**

| Ref. | Date | Description | Status | Organisation |
|---|---|---|---|---|
| 176 | 31/07/2020 | Bozza tixgħel u titfi fuq arblu fi Pjazza Ninu Cremona wara l-Knisja. | pending | **Contractor** |
| 177 | 03/08/2020 | Xogħol ta WSC hazin taħt bankina fi Triq Namur | settled | **WSC** |
| 178 | 04/08/2020 | Bozza fuq arblu maqtugħa quddiem id-dar 43, Triq in-Namur. | pending | **ENEMALTA** |
| 179 | 04/08/2020 | Hemm globu minn taz-Zebra Crossing mhux jixgħel fi Triq il-Wied (it-tieni sett ta' fuq) | settled | **Belisha Lights section** |
| 180 | 04/08/2020 | Hemm bozza fuq arblu nru. L05/28 fi Triq il-Wied mhux tixgħel. | pending | **ENEMALTA** |
| 181 | 04/08/2020 | Din ir-residenta qed terġa tilmenta fuq il-*covers* li twaħħlu maż-żewġ bozoz fi Triq Karmenu Vassallo. Trid li jitneħħew minħabba d-dlamijiet li qed ikun hemm. | settled | **COUNCIL** |
| 182 | 04/08/2020 | Riċentement il-GO għamlu trinka u tappiera fi Triq Ċensu Busuttil u l-asphalt tat-trinka nieżel u kull vettura li tgħaddi qed tagħmel il-ħsejjes. | settled | **GO** |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 183 | 04/08/2020 | Residenta minn Triq Pawlu Grech qed jilmentaw li qed jipparkjaw vetturi fuq id-*double yellow lines* ta' faċċata tagħhom u ta' maġenb il-garaxx b'konsegwenza li mhux qed ikunu jistgħu joħorġu bil-vann tax-xogħol. Kien hemm drabi li lanqas xogħol ma' marru. Ma sabux għajnuna mill-pulizija. | closed - sent report to Sergeant Quattromani & refreshed lined by our handyman | **POLICE/COUNCIL** |
| 184 | 07/08/2020 | 2 bozoz skonnetjati fi Triq E S Inglott minhabba salvavita ta 38/2 Agape. | settled | **MICAMED** |
| 185 | 10/08/2020 | Talba biex titranġa l-bankina fi Pjazza Ninu Cremona wara Lotto Receivers Office. | settled | **COUNCIL** |
| 186 | 08/08/2020 | Talba ghal *Unloading Bay* fi Triq Geronimo Abos faċċata ta' stabbiliment tan-negozju. | pending | **COUNCIL** |
| 187 | 10/08/2020 | Talba għal *refreshing* tas-sinjali tal-parkeġġ ta' Triq P.M.Vella. | settled | **COUNCIL** |
| 188 | 11/08/2020 | Talba għal traffic mirror fi Triq il-Hwawar c/w Sqaq il-Ħwawar għaliex sar ta' periklu kbir biex toħroġ. | pending | **COUNCIL** |
| 189 | 11/08/2020 | Fi Triq il-Prinjol qed ikun hemm makkinarju goff ipparkjat b'mod regolari. | pending | **POLICE** |
| 190 | 11/08/2020 | Hemm xi skart fi Triq E S Inglott, fil-parti fejn m'hemmx residenzi. | settled | **COUNCIL** |
| 191 | 12/08/2020 | Fi Triq Dun Karm, quddiem Baker's corner hemm parti mill-bankina sfrundata u qed jidhru ħafna ġrieden. | pending | **COUNCIL** |
| 192 | 13/08/2020 | Talba biex isiru linji quddiem 6/8, Triq G. Calleja, wara li tlesta l-bini. | pending | **COUNCIL** |
| 193 | 17/08/2020 | Rapport li l-Bouganvillea li hemm fil-propjetà tiegħu fi Triq Ċensu Busuttil ċediet u qabdet ma' *cable* tad-dawl. | settled | **ENEMALTA** |
| 194 | 17/08/2020 | Dan ir-resident għandu problema li fi Triq GM Azzopardi hemm dħul għal *garages* u bejniethom hemm blokka *flats*. Hemm kaxxa safra sħiħa li tagħti t-tul kollu, però xorta qed jipparkjaw quddiem il-blokka. Peress li vettura ma' togħqodx, qed jieħdu parti mid-daħla u qed tkun diffiċli biex wieħed joħroġ mill-garaxx. | settled | **COUNCIL** |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 195 | 19/08/2020 | Talba biex isir *refreshing* tal-linji fi Triq Ġeronimo Abos għax iċċaraw. | pending | **COUNCIL** |
| 196 | 20/08/2020 | Ilment li kull nhar t'Erbgħa, l-*organic* mhux qed jinġabar minn quddiem żewġ residenzi fi Triq ES Inglott. Kellimna diversi drabi lill-Kuntrattur. | settled | **R&A/CONTRACT MANAGER** |
| 197 | 20/08/2020 | Ilment li ta' spiss mhux qed jinġabrilha l-*garbage* fi Triq il-Ħarruba. | settled | **CONTRACT MANAGER** |
| 198 | 21/08/2020 | Talba għal 'road humps' fi Triq ir-Razzett l-Aħmar, minn Triq in-Namur 'il fuq għax qed jgħaddu ħafna vetturi bi speed qawwi u minn ikun ħiereġ minn Triq in-Namur, qed isib il-vetturi ma' wiċċu. | pending | **COUNCIL** |
| 199 | 21/08/2020 | Talba biex Triq ir-Razzett l-Aħmar tiġi 'One-Way' minn fuq. Il-vetturi jkunu jistgħu jitilgħu biss fid-direzzjoni ta' ħdejn l-arblu tan-NET. | pending | **COUNCIL** |
| 200 | 21/08/2020 | Ilment dwar siġra li qed tesporġi 'l barra minn propjetà privata fi Triq Ċensu Bugeja. | pending | **COUNCIL** |
| 201 | 26/08/2020 | Hemm vettura bil-liċenza skaduta fi Triq il-Wied. | closed | **POLICE** |
| 202 | 26/08/2020 | Fi Triq l-Għaqba hemm ħafna ħaxix. Biex jinqata' l-qtugħ tal-ħaxix. | pending | **Contractor** |
| 203 | 27/08/2020 | Talba biex jinqatgħu d-dwieli li ħerġin għal fuq il-bankina fi Triq LF Mizzi. | settled | **COUNCIL** |
| 204 | 27/08/2020 | Hemm żewġ ħofriet fi Triq L.F. Mizzi. | settled | **COUNCIL** |

## 23.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI.

23.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

23.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

23.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia u Godwin Catania.

23.7.4 Imbagħad is-Sindku ressaq kwotazzjonijiet għall-awtorizazzjoni ta' xiri/oġġetti kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni għal tiġdid ta' polza tal-assigurazzjoni mingħand Island Insurance brokers għall-ammont ta' Eur955.88c; *nem con*
2. Kwotazzjoni għal xiri ta' (23) *Wheel stoppers* mingħand il-fornitur Signmark Ltd għall-prezz ta' Eur500 + VAT; nem con.
3. Kwotazzjoni għal xiri ta' (30) A5 Classic Diary mingħand il-fornitur Time Care Diaries għall-prezz ta' Eur130.98c; *nem con*
4. Kwotazzjoni għal servizz ta' studju xjentifiku mingħand il-Konsulent tal-Kunsill Adi Associates Environmental Consultants Ltd għall-ammont ta' Eur975+VAT;

## 23 .8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

23.8.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

23.8.2 Applikazzjoni PA 05383/20 – no. 36, Triq Ġużè Galea L-Iklin – 'Demolition of existing dwelling and proposed construction of five apartments.

## 23.9 IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU FL-IKLIN

23.9.1 Is-Sindku Dr. Sciberras ippreżenta l-proposta mingħand il-Konsulent tal-Kunsill dwar is-servizz ta' *traffic count survey* fl-Iklin in konnessjoni mall-proġett Slow Street varat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Is-Sindku fakkar li f'seduta preċedenti kien tella item fuq l-agenda dwar proġett pilota 'Slow Streets' u fejn kien deċiż li jiġi kkummissjunat studju xjentifiku biex il-Kunsill ikollu a dispożizzjoni tiegħu rapport dwar *Data collection methodology* fi Triq Alfons Maria Galea k/m Triq Ġeronimo Abos bejn is-0730hrs u 1000hrs, Triq Mons P. P. Saydon bejn 1630hrs u 1900hrs u Triq Ċensu Busuttil k/m B'Kara By-Pass bejn 1630hrs u 1900hrs.

23.9.2 Wara li s-Sindku Dott. Sciberras ta aktar dettalji tekniċi dwar dan l-istudju, staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet.

23.9.3 Ma kienx hemm.

23.9.4 Imbagħad is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex jikkunsidraw u japprovaw l-ispiża.

23.9.5 Il-Kunsill approva l-ispiża b'mod unanimu.

23.9.6 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq ukoll it-talba mingħand il-kumpannija FACES dwar l-implimentazzjoni ta' Bus Shelters fil-lokalità. Ippreżenta l-analiżi li saret mill-kumpannija FACES fuq proposti li kien issottometta l-Kunsill fil-leġiżlatura preċedenti. Il-proposti tal-Kunsill kienu ġew evalwati u ġew ikklassifikati. Fil-preżent, il-Bus Stop bl-isem Triq Ġerada fi Triq il-Wied se jkun l-ewwel fil-lista li jista jiġi mplimentat.

23.9.7 F'dan l-istadju, is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex japprovaw l-implimentazzjoni ta' *Bus Shelter* fejn hemm il-waqfa '*Bus Stop Name Triq Ġerada*'.

23.9.8 Il-Kunsill approva *nem con*.

23.9.9 Is-Segretarju Eżekuttiv se jinnotifika lill-kumpannija FACES bid-deċiżjoni biex il-kumpannija tkompli bid-diskussjonijiet tagħha ma' TM u mal-Awtorità tal-Ippjanar.

23.9.10 Is-Sindku ressaq talba għal Un/Loading bay għal quddiem negozju ġdid li fetaħ fi Triq Ġeronimo Abos. Wara diskussjoni kien deċiż li jsir monitoraġġ tal-attività ekonomika qabel mal-istess Kunsill jieħu pożizzjoni. Dan għall-fatt li matul dan l-aħħar xhur, it-talbiet għal dan il-

beneficċju żdied fiż-żoni residenzjali u l-Kunsill se jkun qed jiddeċiedi b'mod aktar kawtel biex jinżamm il-bilanċ bejn ir-residenti u s-settur kummerċjali. Aktar żviluppi jingħataw fis-seduti segwenti.

23.9.11 Bħala parti mir-reviżjoni tal-immaniġġjar tat-traffiku fl-Iklin, is-Sindku ressaq proposta biex fi Triq Alfons Maria Galea, jsir studju biex minħabba d-diffikultà tal-parkeġġi, issir rakkomandazzjoni lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex tiġi mplimentata 'partial parking on pavement' fejn il-bankina tippermetti. Dan sabiex ir-residenti jkollhom aktar spazji ta' parkeġġ mingħajr ma nostakolaw passaġġi liberi għall-*pedestrian* u persuni bi bżonnijiet speċjali.

23.9.12 Wara diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex il-Kunsill jissottometti r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Awtorità dwar it-Trasport għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni biex jitjieb l-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq Alfons Maria Galea.

23.9.13 Is-Sindku Dott. Sciberras fetaħ ukoll diskussjoni dwar l-immaniġġjar tat-traffiku eżistenti fi Triq ir-Razzett l-Aħmar direzzjoni għat-triq tal-Balal. Is-Sindku qal li preżentement, din it-triq li tiġi ristretta meta tiskorri Triq in-Namur ma tippermettix li tkun isservi bħala *two-way traffic system*.

Semma l-fatt li hemm xi residenti li jirrisiedu f'din il-parti tat-triq u hemm ukoll xi negozji li jkun meħtieġ nikkonsultaw magħhom qabel ma l-Kunsill jissottometti r-rakkomandazzjonijiet lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta.

F'dan ix-xenarju, ressaq proposta biex issir konsultazzjoni mar-residenti u s-sidien tan-negozju li hemm fi Triq ir-Razzett l-Aħmar u fl-istess waqt isir *traffic count* (bi-directional movement). Wara li tkun saret konsultazzjoni wiesgħa mar-residenti taż-żona u mas-settur industrijali, u jiġi evalwat *traffic count survey*, dan is-suġġett għandu jerġa jiġi diskuss fl-intier tiegħu biex il-Kunsill jieħu pożizzjoni a bażi tal-evidenza.

Kien hemm qbil unanimu li jsir dan l-istħarriġ.

## 23.10 LIJA/IKLIN FOOTBALL YOUTH NURSERY

23.10.1 Is-Sindku Dr. Sciberras fetaħ id-diskussjoni dwar Lija/Iklin Football Youth Nursery fejn qal li kien importanti li minn żmien għal żmien niltaqgħu mall-Kumitat u nsaħħu r-rapport ta' bejnietna minkejja l-fatt li l-Kunsillier Bernice Farrugia qed tirrapreżenta lill-Kunsill fuq il-Kumitat ta' Lija/Iklin Football Youth Nursery.

Is-Sindku wera t-tħassib tiegħu dwar xi tibdil li sar fl-Istatut fejn il-Kunsill bħala Ko-Fundatur ta' Lija/Iklin Football Youth Nursery kellu jiġi notifikat bl-emendi għall-istatut. F'dawn l-aħħar ġimgħat semma li kien irċieva żewġ verżjonijiet differenti tal-Istatut u għalhekk talab lill-Kunsill biex issir laqgħa mall-Kumitat biex jiddiskuti dan.

Wara diskussjoni, kien deċiż li tintalab laqgħa mal-Uffiċċjali tal-Kumitat fil-preżenza tal-Kunsillier Farrugia u r-rappreżentanti nnominati mill-Kunsill f'data u ħin konvenjenti għaż-żewġ partijiet. *Nem con*.

6.35p.m. Il-Kunsillier Bernice Farrugia talbet biex tiġi skużata mill-kumplament tas-seduta. *Nem con*.

## 23.11 PREŻENTAZZJONI TAL-ESTIMI GĦAL XOGĦLIJIET FI TRIQ SAN MIKIEL

23.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ippreżenta l-estimi għal xogħlijiet ta' manutenzjoni fi Triq San Mikiel u l-isqaq bejn Triq San Mikiel u Triq il-Klin.

Is-Sindku fakkar li l-Kunsill Reġjonali Ċentru kien ser jgħaddi Eur35K lill-Kunsill Lokali L-Iklin biex iwettaq proġetti fil-lokalità. Is-Sindku ppropona li dawn il-fondi jintużaw għal dan l-iskop.

23.11.2 L-estimi tax-xogħlijiet kienu jammontaw għal Eur49,717.39c li fiha tinkorpora wkoll l-*istreet furniture*. Is-Sindku qal li kien importanti li l-Kunsill jinvesti f'din iż-żona u jsir titjib fl-immaniġġjar tat-traffiku u titjib fl-infrastruttura eżistenti. Permezz ta' dawn ix-xogħlijiet, is-Sindku qal li kien ser jimplimenta numru sostanzjali ta' *parking slots* biex tittaffa d-diffikultà reali tal-parkeġġ fejn

preżentement qed naraw żvilupp kontinwu li qed joħloq piż kbir fuq il-Kunsill bil-konġestjoni ta' vetturi fuq it-triq.

Kompla billi qal li l-Kunsill kien diġà ottjena l-permess mingħand l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta għall-implimentazzjoni tal-parkeġġi u permezz ta' dawn il-fondi, il-Kunsill se jkun qed ikompli jabbellixxi din iż-żona u jtejjeb l-infrastruttura u l-immaniġġjar tat-traffiku.

23.11.3 Wara diskussjoni, is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex japprova dan il-proġett u jawtorizza din l-ispiża.

23.11.4 Il-Kunsill approva *nem con*.

**23.12 DISKUSSJONI PRELIMINARI DWAR SITWAZZJONI MHUX TAS-SOLTU LI QED JIFFAĊĊJAW RESIDENTI LI JIRRISIEDU FI TRIQ ĊENSU BUGEJA**

23.12.1 Is-Sindku Dott. Sciberras fetaħ id-diskussjoni dwar diffikultà li qed isofru r-residenti li jgħixu fi Triq Ċensu Bugeja u t-toroq immedjati. Semma li f'ċertu perjodu tas-sena, ir-residenti jilmentaw minn raxx ta' kulur safrani mall-faċċati ta' residenzi, bjut, man-naxriet tal-ħwejjeġ u sintendi mall-vetturi li huwa ta' inkonvenjent kbir.

Is-Sindku qal li fil-passat riċenti, Kunsill preċedenti għamel numru ta' tenattivi mal-awtoritajiet tas-Saħħa, biex jindirizza din id-diffikultà però baqgħet ma ġietx riżolta.

In vista ta' dan, is-Sindku ressaq proposta biex il-Kunsill jitkellem mal-esperti f'dan il-qasam u jittieħed kampjun biex primarjament jiġi identifikat u stabbilit il-kawża għal dan.

23.12.2 Wara diskussjoni, is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex jiġi kkummissjonat dan l-istudju.

23.12.3 Il-Kunsill approva nem con.

## 23.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

23.13.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Settembru 2020 fil-5.30 pm.

23.13.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Settembru 2020 fil-5.30 pm.

23.13.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.05 pm.

____________________ ____________________

**Dr. Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv